MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 479/2009

**Asfaltar Limited [C8313]**

***kontra***

**Id-Direttur tal-Kuntratti**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-19 ta` Mejju 2009 li jaqra hekk –

*1. Illi wara sejha ghall-offerti ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern, nhar it-tletin (30) ta` Ottubru 2007 bl-*

*isem ufficjali "CT2075/06 - Adv No 381/07 Tender for the Reconstruction of Marsascala Bypass, Marsascala / Zabbar" mid-Direttur intimat, is-socjeta` rikorrenti tefghet l-offerta taghha entro t-terminu stabbilit tal-ghoxrin (20) ta` Dicembru 2007 ;*

*2. Illi t-Tender in kwistjoni kien tat-tip maghruf bhala 'three envelope tender' ;*

*3. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet wahda mill-erba` tenderers (originarjament kien hemm tmien offerenti) li kkwalifikat ghat-tielet fazi tal-process ta` ghazla u aggudikazzjoni tat-tender ;*

*4. Illi pero` permezz ta` ittra datata 19 ta` Settembru 2008, (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok ASF1) id-direttur intimat informa lis-socjeta` rikorrenti bis-segwenti :*

*Thank you for participating in the above mentioned tender procedure. However I regret to inform you that the tender submitted by you was not financially compliant. It was observed that the tender submitted did not contain cash-flow payments schedules and the Day Work Schedule ;*

*5. Illi l-Kumitat Generali tal-Kuntratti fi hdan id-Dipartiment tal-Kuntratti rrakkomanda li t-tender in kwistjoni tigi moghtija lis-socjeta` Bonnici Brothers Limtied, ma` liema rakkomandazzjoni qabel id-direttur intimat (Dok ASF2) ;*

*6. Illi permezz ta` Notice of Objection pprezentata nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta` Settembru 2008, (kopja hawn anness u mmarkata bhala Dok ASF3) is-socjeta` rikorrenti ai termini tal-Art. 83(1) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (A.L. 177/2005 kif*

*sussegwentement emendati) talbet li l-kaz jigi riferut lil Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici u talbet li tigi revokata d-decizjoni tad-direttur intimat, l-Awtorita` Kontraenti ai termini tal-istess tender, fejn l-offerta tas-socjeta` rikorrenti giet michuda u li ghalhekk it-tender jigi moghti lill-istess socjeta` rikorrenti ;*

*7. Illi nhar it-tlieta (3) ta` Ottubru 2008 is-socjeta` rikorrenti pprezentat reasoned letter of objection in sostenn tal-appell taghha (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok ASF4) fejn talbet li t-tender in kwistjoni jigi moghti lilha u mhux lis-socjeta` Bonnici Brothers Ltd., kif kien rakkomandat mill-Kumitat Generali tal-Kuntratti ;*

*8. Illi l-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici ffissa tliet udjenzi sabiex tigi ttrattata l-objection imressqa mis-socjeta` rikorrenti ;*

*9. Illi nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta` Dicembru 2008, il-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici ta d-decizjoni tieghu (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok ASF5) fejn cahad l-objection imressqa mis-socjeta` rikorrenti u rrakkomanda li d-depozitu mhallas mis-socjeta` rikorrenti meta ntavolat in-notice of objection taghha ma jigix rifuz mill-istess socjeta` rikorrenti ;*

*10. Illi skont l-Artiklu 84(18) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (A.I.. 177 tal-2005 kif sussegwentement emendati) il-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici kellu jaghti ragunijiet bil-miktub ghar-rakkomandazzjoni tieghu li d-depozitu ma jigix rifuz, separatament u b`mod distint mir-ragunijiet ghac-cahda o meno tal-objection tas-socjeta` rikorrenti ;*

*11. Illi l-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici kif jidher b`mod manifest, mid-decizjoni tieghu tad-29 ta` Dicembru 2008, naqas milli jaghmel dan ;*

*12. Illi inoltre kif jidher mill-atti processwali quddiem il-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici, l-oggezzjoni mressqa mis-socjeta` rikorrenti ma kinitx wahda frivola jew vessatorja u ghalhekk ma kinux jissussistu ragunijiet sabiex id-depozitu minnha mhallas ma jigix rifuz lilha ;*

*13. Illi f`dan is-sens is-socjeta` rikorrenti ma hijiex sodisfatta mid-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici u ghalhekk qieghda tipprevalixxi ruhha mid-dritt koncess lilha ai termini tal-Art. 84(19) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici.*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess, is-socjeta` esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara li d-decizjoni mehuda mill-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici nhar id-29 ta` Dicembru 2008, limitatament ghar-rakkomandazzjoni li d-depozitu mhallas mis-socjeta` rikorrenti ma jigix rifuz lilha bhala wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt ;*

*2. Tirrevoka d-decizjoni mehuda mill-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici nhar id-29 ta` Dicembru 2008 in kwantu rrakkomanda li d-depozitu ma jigux rifuz lis-socjeta` rikorrenti ;*

*3. Tordna lill-intimat jirrifondi d-depozitu mhallas mis-socjeta` rikorrenti lill-istess socjeta` rikorrenti ;*

*U dana taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 9 ta` Frar 2009 u bl-imghax dekorribbli mid-data ta` tali ittra ufficjali kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fis-<u>26 ta` Gunju 2009</u> li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk l-istess ghandhom jigu michuda u dan ghas-segwenti ragunijiet :*

*(i) Illi preliminarjament, is-socjeta` rikorrenti ma tistax a tenur tar-Regolament 84(19) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici tipproponi tali kawza bil-mod kif redatta. Dan peress li ma tistax titlob dikjarazzjoni li d-decizjoni mehuda mill-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici limitatament ghar-rakkomandazzjoni li d-depozitu mhallas minnha ma jigix rifuz lilha bhala wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt, filwaqt li huwa evidenti li hija qieghda taccetta l-kumplament tad-decizjoni li nghatat.*

*(ii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici hija finali u d-Direttur tal-Kuntratti u l-Kap tal-Awtorita` kontraenti huma marbutin li joqghodu ghad-decizjoni.*

*Jehtieg hawnhekk jigi sottolineat li l-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici u d-Direttur tal-Kuntratti huma kompletament awtonomi u indipendenti minn xulxin u dan kif jirrizulta mir-Regolamenti dwar il-Kuntratti*

*Pubblici innifishom. Ghalhekk id-Direttur tal-Kuntratti qatt ma seta` u qatt ma jista` jibdel decizjoni li tkun ittiehdet mill-Bord u huwa marbut li jsegwiha fit-totalita` taghha.*

*(iii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-Regolament 84(18) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici mkien ma jiddisponi li l-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici ghandu jaghti ragunijiet bil-miktub ghar-rakkomandazzjoni tieghu li d-depozitu ma jigix rifuz separatament u b`mod distint mir-ragunijiet ghac-cahda o meno tal-objection tas-socjeta` rikorrenti.*

*Ir-regolament in kwistjoni jipprovdi li l-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici ghandu jaghti rakkomandazzjoni dwar id-depozitu filwaqt li jaghti bil-miktub ragunijiet ghal dik ir-rakkomandazzjoni.*

*Illi inoltre` lanqas ma huwa provdut fir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici, kif qed tippretendi s-socjeta` rikorrenti, li depozitu mhallas mal-appell ghandu jigi rifuz f`kaz li l-oggezzjoni mressqa ma tkunx wahda frivola jew vessatorja. Dan qed jinghad mhux ghaliex l-esponent b`xi mod qed jaqbel li l-oggezzjoni tas-socjeta` rikorrenti ma kinitx frivola jew vessatorja ghaliex dwar dan jirrizerva l-pozizzjoni tieghu.*

*(iv) Illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici tad-29 ta` Dicembru 2008 kienet cara fis-sens li abbazi tal-konkluzjonijiet tieghu, maqsumin fuq tmien punti, l-appell tas-socjeta` rikorrenti ma ntlaqax u d-depozitu li thallas mal-appell m`ghandux jigi rifuz.*

*(v) Illi inoltre` u minghajr pregudizzju, a tenur tar-Regolament 84(18) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici r-rakkomandazzjoni tal-Bord ghandha tkun wahda finali u vinkolanti.*

*(vi) Illi ghaldaqstant minhabba tali decizjoni u in vista tar-Regolament 84(17) tar-Regolamenti dwar il-kuntratti Pubblici, din l-Onorabbli Qorti ma tistax tilqa` t-tielet talba tas-socjeta` rikorrenti u l-ebda rifuzjoni m`ghandha tigi ordnata.*

*2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta` Settembru 2009 fejn hatret lill-Assistent Gudizzjarju Av. Mariella Schembri Gonzi sabiex tigbor il-provi.

Rat l-atti tal-proceduri kondotti mill-Assistent Gudizzjarju fejn ingabru l-provi kollha fil-kawza. Rat ix-xiehda bl-affidavit, it-traskrizzjoni tax-xiehda *viva voce* u d-dokumenti prezentati.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-13 ta` Novembru 2012.

Rat id-digriet moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Sintesi tal-provi</u>**

**Saviour Debono** - Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar Kuntratti Pubblici – ipprezenta l-file kollu relattiv ghall-proceduri tal-appell. Ma jinzammux traskrizzjonijiet tas-seduti tal-appell, izda ikun hemm il-minuti tal-laqghat li huma riflessi fid-decizjoni tal-Bord. Ipprezenta wkoll dokumenti ohra li kienu mmarkati minn Dok DS1 sa DS14.

**Oriana Deguara** ipprezenta t-traskrizzjonijiet tas-seduti li nzammu quddiem il-Bord tal-Appelli u kienu markati Dok OD 1.

**Francis Attard**, Direttur Generali tal-Kuntratti, xehed illi fit-30 ta' Ottobru 2007, id-Dipartiment tal-Kuntratti ippubblika ghan nom ta' Transport Malta sejha ghall-offerti Numru CT 2075/07 taht l-isem : *Tender for the Reconstruction of Marsascala Bypass, Marsascala, Zabbar*. Ghal din s-sejha kien hemm erbgha (4) offerti (Dok AF1). Permezz ta' rakkomandazzjoni markata Dok. AF2, il-Kumitat Generali tal-Kuntratti rrakkomanda li tintlaqa` l-offerta tas-socjeta` Bonnici Brothers Limited. L-offerenti kollha kienu infurmati bid-decizjoni (Dok AF3). Is-socjeta attrici appellat mid-decizjoni. Skond l-Art 83 tal-Avviz Legali 177 tal-2005, kienet obbligata taghmel depozitu ekwivalenti ghal 1% tal-valur stmat tat-tender, liema depozitu izda ma setax jaqbez il-€ 58,000. Il-Bord tal-Appelli cahad l-appell tas-socjeta` attrici u ma tax rifuzjoni tad-depozitu li ghamlet is-socjeta` attrici mal-appell taghha.

**Alfred Triganza**, Chairman tal-Bord tal-Appell dwar Kuntratti Pubblici, meta mistoqsi x'kienu r-ragunijiet ghaliex d-depozitu ma kienx rifuz wiegeb illi hu ma jistax joqghod jiggustifika sentenza li nghatat fl-2008. Il-prassi tal-Bord hi li meta l-appellant jitlef l-appell, jitlef ukoll d-depozitu. Ma kienx hemm bzonn li tinghata r-raguni ghaliex d-depozitu kien qieghed jintilef. Mistoqsi jekk dak tal-lum kienx appell frivolu, ix-xhud wiegeb illi ma setax

jghid li kien frivolu pero` l-fehma tal-Bord kienet diversa minn dik tal-appellant.
**Ikkunsidrat :**

## III. Sottomissjonijiet

Fis-sottomissjonijiet finali taghha, is-socjeta` attrici tghid illi meta wiehed iqis is-subincizi 17 u 18 tal-legislazzjoni sussidjarja 174.04, isib illi meta tinghata decizjoni, jridu jinghataw r-ragunijiet bil-miktub ghaliex inghatat dik id-decizjoni. In partikolari fis-subinciz 18, jinghad illi anke meta l-Bord jaghti rakkomandazzjoni dwar id-depozitu, ghandu jaghti r-ragunijiet ghaliex qieghed jaghti dik ir-rakkomandazzjoni. Huwa hekk ghaliex ma hemm l-ebda regola fil-Public Contracts Regulations li tghid li jekk titlef l-appell titlef d-depozitu u vice versa. Il-Bord ghandu diskrezzjoni assoluta dwar x`isir bid-depozitu. Ghalhekk is-socjeta attrici filwaqt illi mhijiex qeghda timpunja d-diskrezzjoni tal-Bord qeghda tikkontesta l-fatt illi l-Bord ma tax ragunijiet ghala ma halliex li s-socjeta` attrici tiehu lura d-depozitu. Is-socjeta` attrici ssostni li huwa obbligu tal-Bord li jaghti r-ragunijiet.

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, is-socjeta` attrici tikkontendi li bil-procediment tal-lum hi mhijiex qeghda tikkontesta kif inghata t-tender izda qeghda tistieden lill-Qorti sabiex tistharreg dak li sar quddiem il-Bord tal-Appelli halli tistabilixxi jekk dan kellux ragun fid-decizjoni tieghu li ma jaghtix lura d-depozitu.

Dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, is-socjeta` attrici tikkontendi illi mhuwiex sewwa dak li qed jinghad mill-konvenut f`dik l-eccezzjoni ghaliex is-subinciz 18 jitkellem dwar rakkomandazzjoni li allura tfisser li l-konvenut fil-fatt ghandu d-diskrezzjoni li ma joqghodx fuq dak rakkomandat mill-Bord.

Min-naha tieghu, il-konvenut isostni li in vista tal-fatt illi kull aggravju tas-socjeta attrici kien michud mill-Bord, allura kellu jintilef id-depozitu. Skond ir-regolamenti vigenti fiz-zmien tal-kaz, wara d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli, il-parti setghet tirrikorri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. Ghalkemm decizjoni tal-Bord dwar il-mertu hija sindakabbli quddiem il-qrati ordinarji, mhux l-istess ighodd ghar-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar id-depozitu ghax hemm id-decizjoni tkun finali u vinkolanti.

**Ikkunsidrat :**

## IV. Dritt

Skond l-Art 4 tat-Tmien Skeda tal-A.L. 70 tal-1996, meta offerent kien jitlob ezami mill-gdid it-talba li kien jaghmel kellha *tkun imsiehba b'depozitu ta' 0.5% tal-valur estimattiv ta' l-offerta. Dan id-depozitu jinghata biss lura jekk id-Direttur tal-Kuntratti jeddeciedi favur l-offerent.*

Din id-disposizzjoni nbidlet bis-sahha tal-A.L. 140 tal-1996 billi giet taqra hekk –

*"4. Talba ghall-ezami mill-gdid mill-offerent involut trid tasal ghand id-Direttur fi zmien tlett ijiem tax-xoghol mid-data tal-publikazzjoni tad-decizjoni u talba trid tkun imsiehba b'depozitu ta' 0.5% tal-valur estimattiv ta' l-offerta, liema depozitu jinghata lura biss jekk id-Direttur tal-Kuntratti jiddeciedi favur l-offerent."*

Il-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubblici kien kostitwit bis-sahha tal-A.L. 98 tal-2002.

L-Art 4 tat-Tmien Skeda baqa` li kien.

Fid-Disa` Skeda tal-A.L. 98 tal-2002, dahal l-Art 14 li jaqra hekk –

*"Id-decizjoni tal-Bord tkun wahda finali f'dak li ghandu x'jaqsam ma' l-ghoti tal-kuntratt in kwistjoni u d-Direttur tal-Kuntratti jkollu l-awtorita li jipprocedi biex jaghti l-kuntratt hekk kif tigi ppublikata d-decizjoni tal-Bord u din tigi mqassma lill-partijiet li jkollhom interess."*

Jidher illi d-decizjoni tal-Bord kienet finali ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-ghoti tat-tender, izda ghar-rigward ta` kwistjonijiet ohra ancillari ohra, id-Direttur tal-Kuntratti kellu diskrezzjoni.

Sa dak iz-zmien, id-depozitu kien jinghata lura biss fil-kaz li d-Direttur tal-Kuntratti jiddeciedi favur l-offerent.

Il-bidla sostanzjali giet bl-A.L. 387 tal-2003.

L-Art 18 kien jaqra hekk –

*(1) Bla hsara ghas-subregolamenti (2), (3) u (4) ta' dan ir-regolament, dawn ir-regolamenti ghandhom itemmu milli jibqghu fis-sehh u ghandhom jigu mhassra b'effett mill-1 ta' Mejju, 2004.*
*(2) Mill-1 ta' Jannar, 2004 dawn ir-regolamenti ma ghandhomx jibqghu japplikaw hlief ghal :*

*(a) dik il-proçedura ta' akkwisti li setghet inbdiet taht dawn ir-regolamenti ; u*

*(b) dawk l-akkwisti skond ma jigu dikjarati bl-awtorità bil-miktub tal-Ministru u li huma regolati taht dawn ir-regolamenti, u dawk l-akkwisti ghandhom jibqghu jigu hekk regolati sakemm jigu finalizzati l-proceduri kollha li jkollhom x'jaqsmu maghhom.*

*(3) Id-disposizzjonijiet tas-subregolament (2) ta' dawn ir-regolamenti ma ghandhomx ikunu japplikaw ghal ebda procedura ta' akkwist mibdija fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara dik id-data.*

Bis-sahha ta` dak l-avviz legali, kien dikjarat illi r-regolamenti li kien jinkorpora kellhom jigu fis-sehh fl-1 ta` Jannar 2004 hlief ghal dak imsemmi fl-Art 18(2) tal-Public Service (Procurement) Regulations 1996.

Bl-A.L. 299 tal-2003, saru r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici. Id-disposizzjonijiet rilevanti huma inseriti fl-Art 104 –

*(17) Id-decizjonijiet kollha li jittiehdu mill-Bord ta' l-Appelli ghandhom jitnizzlu bil-miktub. Fihom ghandu jkun hemm il-fatti kollha u r-ragunijiet li fuqhom il-Bord ta' l-Appelli jimmotiva d-decizjoni tieghu. Id-decizjonijiet kollha ghandhom jittiehdu b'rakkomandazzjonijiet definittivi li jkunu vinkolanti fuq id-Direttur tal-Kuntratti jew il-Kap ta' l-Awtorità Kontraenti u l-offerenti kollha involuti.*

*(18) Il-Bord ta' l-Appelli ghandu jirrakkomanda jekk ghandux depozitu pprezentat minn offerent skond ir-regolament 103 jithallas lura, kollu kemm hu jew f'parti minnu, jew ma jithallas lura xejn, filwaqt li jaghti bil-miktub ragunijiet ghal dik ir-rakkomandazzjoni. Ir-rakkomandazzjoni ta' l-Bord ghandha tkun wahda finali u vinkolanti."*

Kien f`dan l-istadju tal-izvilupp tal-legislazzjoni li dahlet diskrezzjoni dwar jekk id-depozitu tal-appell kellux jigi rifuz inkella le. Fir-regolamenti precedenti, il-posizzjoni kienet li d-depozitu jinghata lura biss fl-eventwalita li s-smigh mill-gdid jintlaqa`.

Disposizzjoni ohra rilevanti ghall-kaz tal-lum huwa l-Art 102 tat-Taqsima XII li jaqra hekk –

*L-Awtoritajiet Kontraenti elenkati fi Skeda I ghandhom jizguraw li ghal kull offerta b'valur stmat ta' iktar minn Lm 250,000 jew, fid-diskrezzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti, ghal offerti ta' valur stmat iktar baxx –*

*(1) Il-kondizzjonijiet ta' l-offerta jistipulaw li offerti ghandhom biss jikkwalifikaw sabiex jigu kkunsidrati jekk isiru f'pakketti separati kif gej –*

*i) Pakkett Wiehed : Garanzija ta' offerti Originali u Valida (Garanzija ta' Offerti), ezegwita kif imiss fl-ghamla, ghall-ammont u ghall-perjodu ta' validità stipulat fid-dokument ta' l-offerta uffiçjali ;*

*ii) Pakkett Tnejn : specifikazzjonijiet teknici inkluza letteratura, dettalji, disinni, kampjuni u kull materjal iehor li jinghata b'ghajnuna kif mitlub fid-dokumenti ta' l-offerta ; u*

*iii) Pakkett Tlieta : Skedi kompleti ta' Prezzijiet u, jew Fatturi ta' Kwantitajiet, Formola ta' offerti, kondizzjonijiet ta' hlas jew arrangamenti finanzjarji ohra ; kull ittra ohra relatata li tista' tipprovdi dettalji relattivi ohra ta' xorta kummerçjali.*

*…*

*(4) Ilment li jsir mill-offerent milqut ghandha tasal fid-Dipartiment tal-Kuntratti jew ghand l-Awtorità Kontraenti involuta, skond ma jkun il-kaz, fi zmien erbat ijiem minn meta jinghata avviz tad-deçizjoni u dak l-ilment ghandu jkollu flimkien mieghu depozitu ta' 0.5% tal-valur stmat ta' l-offerta,* ***liema depozitu ghandu biss jithallas lura jekk il-Bord ta' l-Appelli jiddeciedi favur l-offerent jew persuna ohra li jkollha jew li darba kellha interess f'li tikseb xi kuntratt pubbliku partikolari ;***

*Izda d-depozitu ma ghandu f'ebda kaz ikun inqas minn Lm 250 jew izjed minn Lm 25,000.*

*(5) Ir-revizjoni ghandha ssir mill-Bord ta' l-Appelli dwar Kuntratti Pubblici qabel ma jibda l-istadju li jmiss tal-proçess ta' aggudikazzjoni.*

*…*

*(9) Id-deçizjoni tal-Bord ghandha tkun wahda finali u vinkolanti fuq il-partijiet kollha u l-proçedura ta' l-ghoti tal-kuntratt ghandha timxi skond id-deçizjoni tieghu.*

*(10) Offerent jew persuna ohra li jkollha jew li darba kellha interess f'li tikseb xi kuntratt pubbliku partikolari li jkollhom ilment taht din it-Taqsima tar-regolamenti li ma jigix açç ettat, ma jkollhomx il-jedd li jghaddu ghall-proçedura ta' l-appelli kif hemm provdut dwarhom fit-Taqsima XIII ta' dawn ir-regolamenti*

*Izda l-jedd ta' l-Appell taht it-Taqsima XIII ghandu jkun disponibbli ghal dawk l-offerenti li jkollhom offerta li tilhaq l-istadju finali tal-proçess ta' l-ghoti tal-kuntratt, jigifieri, il-ftuh u l-pubblikazzjoni tal-proposti finanzjarji."*

In segwitu saru r-Regolamenti tal-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici (A.L. 177 tal-2005) li hadu post (ghax hassru) ir-Regolamenti tal-2003 dwar il-Kuntratti Pubblici. L-Art 102 li kien iccitat qabel sar l-Art 82. Id-disposizzjoni baqghet prattikament l-istess hlief ghal din l-aggunta –

*"Izda wkoll kull dritt moghti lil offerenti bis-sahha tar-regolament 84(19) ghandu wkoll japplika ghal appelli decizi mill-Bord ta' l-Appelli taht din it-Taqsima."*

Art 84 (19) jaghti rimedju lil offerent sabiex wara d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli jirreferi l-kwistjoni lill-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Dawk li fir-Regolamenti tal-2003 kienu l-Art 104 (17) u (18) baqghu l-istess hlief li saru Art 84 (17) u (18).

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Risultanzi</u>**

Irrizulta li mill-mod kif zviluppat il-legislazzjoni taghna f`dan il-qasam illi l-hlas lura tad-depozitu kien jiddependi fuq il-kwistjoni jekk l-appell kienx jintlaqa` inkella le. Kien biss wara l-2003 li bl-Art 104 (18) [illum Art 84 (18)] il- Bord tal-Appelli nghata d-diskrezzjoni li jirrakkomanda inkella le rifuzjoni *in toto* jew *in parte* tad-depozitu. Jidher li l-legislatur ma riedx ihalli sitwazzjoni fejn jekk l-appell ma jigix milqugh, id-depozitu jintilef bhala konsegwenza awtomatika ; ried li tithalla diskrezzjoni skond ic-cirkostanzi tal-kaz.

**<u>Qabel</u>** ma tghid jekk kienx hemm cirkostanzi fl-appell in kwistjoni li abbazi taghhom l-appellant seta` ragonevolment jinghata lura d-depozitu *in toto* jew *in parte* il-Qorti sejra tqis **<u>fl-ewwel lok</u>** jekk l-azzjoni tas-socjeta attrici kenitx proponibbli stante illi s-socjeta` attrici mhijiex qeghda timpunja s-sentenza tal-Bord tal-Appelli fuq il-mertu izda qeghda tillimita ruhha ghar-respingiment tar-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar id-depozitu, u **<u>fit-tieni lok</u>**, jekk jirrizulta li l-azzjoni bhala tali kienet proponibbli, setax id-Direttur tal-Kuntratti (<u>li huwa l-uniku kontradittur li s-socjeta` attrici ghazlet biex timposta l-azzjoni taghha</u>) imur kontra d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli stante li dik tal-Bord kienet biss "*rakkomandazzjoni*".

**<u>L-ewwel kwistjoni</u>** –

Fiz-zmien meta harget is-sejha ghall-offerti mertu ta` din il-kawza, il-kuntratti pubblici kienu regolati bl**<u>-A.L. 177 tal-2005</u>**.

L-Art 84 ta` dan l-avviz legali jittratta l-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici. U jghid - *"kull offerent li jaghmel ilment u li ma jkunx sodisfatt bid-decizjoni finali li tittiehed mill-Bord ta` l-Appell ghandu jirreferi l-kwistjoni quddiem il-Prim` Awla tal-Qorti Civili f`perijodu ta` ghaxart ijiem mid-decizjoni finali tal-Bord ta` l-Appell.`*

Fir-regolament ma jinghadx li appell mill-Bord ta' l-Appelli jista` jsir biss fuq punt ta' ligi.

Fl-Art 6(4) jinghad illi persuna li thossha aggravata minn decizjoni li jiehu d-Direttur tal-Kuntratti *"dwar punt ta' ligi*" jista` jappella lill-Qorti ta' l-Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri).

Din il-Qorti tghid illi ghal din il-kwistjoni jghodd il-principju *ubi lex voluit dixit.* Ghalhekk billi l-Art 84(19) ma humiex specifikati l-kazi fejn tista` tigi kontestata quddiem il-qrati ordinarji d-decizjoni tal-Bord, is-socjeta` attrici setghet tipprocedi ghal parti biss mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli, kif qeghda taghmel fil-kaz tal-lum.

**Il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni markata 1(i).**

**It-tieni kwistjoni** –

L-Art 7 tal-A.L. 177 tal-2005 jispecifika illi d-diskrezzjoni li ghandu d-Direttur tal-Kuntratti –

*(1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni u ta' kull ordni jew direttiva li tinghata mill-Ministru -*

*(a) id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tieghu, jaccetta jew jichad ir-rakkomandazzjonijiet tal-*

*maggoranza tal-membri tal-Kumitat Generali tal-Kuntratti ghall-accettazzjoni jew ir- rifjut ta' xi offerta ;*

*(b) meta -*
*(i) id-Direttur ma jkunx jaqbel ma' xi rakkomandazzjoni tal-maggoranza tal-membri tal-Kumitat Generali tal-Kuntratti ; jew*

*(ii) xi rakkomandazzjoni tal-Kumitat Generali tal-Kuntratti tkun tidifferixxi minn dik ipprezentata mid-Dipartiment jew minn xi korp iehor li ghalih ghandu jsir l-akkwist,*

*id-Direttur jista' jirreferi l-kwistjoni ghad-decizjoni tal-Ministru :*

*Izda d-Direttur ghandu dejjem jirreferi kull haga li dwarha ma jkunx jaqbel mal-parti l-kbira tal-membri ta' Kumitat Specjali tal-Kuntratti ghad-decizjoni tal-Ministru ;*

*(c) id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tieghu, jirreferi kull haga ghad-decizjoni tal-Ministru izda kull decizjoni li tittiehed mill-Ministru taht l-Att dwar l-Interpretazzjoni jew wara xi riferenza li ssirlu mid-Direttur u li jkollha influwenza diretta fuq l-ghoti ta' xi kuntratt mid-Direttur lil xi offerent partikolari ma ghandha b'ebda mod iccahhad il-jedd ta' xi kandidat jew offerent u ta' kull min ikollu jew darba kellu xi interess f'li jikseb xi kuntratt pubbliku partikolari milli jirrikorri ghall-proceduri dwar l-appelli li hemm previsti f'dawn ir- regolamenti.*

*(2) Kull haga li tigi riferita ghad-decizjoni tal-Ministru ghandha tigi hekk riferita bil-miktub u d-decizjoni tal-Ministru ghandha bl-istess mod tigi komunikata bil-miktub.*

It-Taqsima XIV tar-Regolamenti tal-2005 tittratta dwar il-Bord tal-Appelli, inkluza l-procedura li trid tigi segwita.

Is-**<u>subinciz (17)</u>** ighid hekk –

*Id-decizjonijiet kollha li jittiehdu mill-Bord ta’ l-Appelli ghandhom jitnizzlu bil-miktub. Fihom ghandu jkun hemm il-fatti kollha u r-ragunijiet li fuqhom il-Bord ta’ l-Appelli jimmotiva d- decizjoni tieghu. Id-decizjonijiet kollha ghandhom jittiehdu b’rakkomandazzjonijiet definittivi li jkunu vinkolanti fuq id-Direttur tal-Kuntratti jew il-Kap ta’ l-awtorità kontraenti u l-offerenti kollha involuti.*

Is-**<u>subinciz (19)</u>** jaqra hekk –

*Kull offerent li jaghmel ilment u li ma jkunx sodisfatt bid-decizjoni finali li tittiehed mill-Bord ta’ l-Appell ghandu jirreferi l-kwistjoni quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili. Dak id-dritt ma ghandux madankollu idewwem lid-Direttur tal-Kuntratti jew lill-Kap ta’ awtorità kontraenti milli jimplimenta d-decizjoni finali tal-Bord ta’ l-Appelli.*

Ghal din il-Qorti huwa evidenti li d-Direttur tal-Kuntratti huwa **<u>marbut</u>** illi jwettaq id-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli. M`ghandux id-diskrezzjoni li s-socjeta` attrici qeghda tippretendi li ghandu.

**Il-Qorti qeghda <u>tilqa</u>` l-eccezzjoni markata 1(ii).**

Il-Qorti sejra tistharreg jekk il-Bord tal-Appelli kellux ragunijiet tajbin bizzejjed biex jirrakkomanda fid-decizjoni tieghu li d-depozitu ma jinghatax lura lis-socjeta` attrici.

Il-Qorti diga` ghamlet rassenja tal-istat tad-dritt qabel u u wara li sar l-A.L. 177 tal-2005.

Fir-rigward tal-lanjanza li qeghda taghmel is-socjeta` attrici fil-procediment tal-lum, il-Qorti sejra tiehu b`analogija dak li jsir fil-qrati ordinarji skond il-ligi tal-procedura taghna.

L-ispejjez gudizzjarji huma regolati bl-**Art 223 tal-Kap 12**.

Skond il-gurisprudenza tal-qrati taghna, r-regola hi l-ispejjez jithallsu mill-parti telliefa. Hemm pero` sitwazzjonijiet fejn ikun aktar gust u ekwu li l-ispejjez jigu divizi, jekk mhux addirittura li jkun hemm kapovolgiment fis-sens li l-parti rebbieha tigi kkundannata li thallas l-ispejjez hi. Ghalhekk il-qrati ghandhom fil-kuntest ta` dak li jipprovdi l-Art 223 tal-Kap 12 diskrezzjoni li jiddeciedu dwar il-kap tal-ispejjez skond il-kaz.

Fis-sentenza taghha tas-16 ta` Settembru 2004 fil-kawza "**HLB Falzon & Falzon vs Xuereb"** il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk –

*"L-Artikolu 223 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jidher li jenuncja zewg regoli. Fl-ewwel subinciz tieghu jipprovdi li "kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez". Skond id-dispost tat- tielet subinciz "il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwestjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra".*

*Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445 ; Vol XXXIX pI p340 ; Vol XXVI pI p173).*

*Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment*

*vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l- ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur.*

*Dan premess, jokkorri li din il-Qorti tezamina jekk fil-meritu kienx hemm cirkostanzi li kienu jissuggerixxu xi temperament in via ta' xi eccezzjoni specjalissima. Ghar-rigward ta' din ir-ricerka gie deciz illi "nulla osta in legge che la Corte d'Appello prenda cognizione del merito non per rivederlo ma unicamente per stabilire se, alla stregua della decisione non impugnata circa a tale merito, il capo delle spese sia stato bene definito" (Kollez Vol XXV pI p793).*

Huwa propju dak li sejra taghmel il-Qorti riferibbilment ghall-kaz tal-lum.

Kif jidher mill-oggezzjoni li saret mis-socjeta attrici, u kif ssottometta l-avukat difensur taghha waqt il-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appelli, l-appell kien ibbazat fuq il-fatt li ghalkemm is-socjeta` attrivi ma ressqitx il-*cash flow payment schedules* u il-*Day Work Schedule*, billi dik l-informazzjoni setghet tingabar xorta wahda mid-dokumentazzjoni l-ohra li s-socjeta attrici pprezentat, is-socjeta attrici kellha tintaghzel xorta ghaliex kienet *the lowest bidder*. Dik kienet il-kwistjoni kollha.

Il-konsiderazzjonijiet tal-Bord kienu dawn (ara fol 51 tal-process) –

*1. concludes that the appellant Company did actually admit to the non-submission of requested schedules albeit they submitted that they had been included in another form ;*

*2. feels that, in spite of the fact that the lack of a specific format in which the required schedules could be presented, may have, prima facia, posed a problem as far as the participating tenderers' overall understanding of what was really required, yet this could have easily been resolved by way of a normal clarification request by the same tenderers ;*

*3. feels that it is amply clear that both the contended schedules were requested, as well as mandatory and, as such, unless otherwise authorized to do so, no participating tenderer had the right or a discretionary power to hand pick what had to be submitted or not, as such right and power remain, as usual, the sole right and power of the contracting authority and, definitely not that of a participating tenderer, and this despite of the perceived importance or reasonableness that one may attribute to such a request, as well as, the level of substance vis-à-vis format ;*

*4. feels that the appellant Company has, mistakenly, confused cash flow payments with tenderer's credit worthiness ;*

*5. fails to agree with those architects who testified that it is easy for anyone 'in the trade' to arrive at the requested rates from other data submitted ;*

*6. decides that, regardless of whether anyone 'in the trade' could, possibly, arrive at such rates following various other ancillary computation, remains unacceptable to the overall evaluation process as it is never an Adjudication Board' s remit to take such initiative – the onus of submission of all relevant data and requested documentation which could easily be assessed without additional human intervention, remains with the participating tenderer. As a matter of fact, the PCAB*

*always desists from encouraging such initiatives in order to ensure that overall transparency, fairness and equity will continue to prevail ;*

*7. feels that the distinction made by the contracting authority as regards bills of quantities vis-à-vis the individual rates to 'unforeseen' works not covered by the bills of quantities was justified ;*

*8. decides that, considering all that transpired, as well as, formally submitted during the hearing, the Adjudication Board (a) could not seek a clarification regarding the fact as to why the requested schedules were not submitted because that would have created grounds for any other participating tenderer to cry foul as soon as the latter would have been made fully aware of the apparent over zealousness or a formally appointed adjudicating body to assist any tenderer in particular to, possibly, fine tune a particular submission previously made by one or more of the participating tenderers, and (b) had not option but to disqualify the tenderer."*

Meta mbaghad ssir referenza ghat-tender document, u specifikatament 14.3.2.12 (a fol. 103) jirrizulta li "*Cash flow payments during the project*" kien wiehed mid-dokumenti necessarji u li kellhom jigu nseriti fil-pakkett numru tlieta (3). Imbaghad fid-Dok. DS 9 li huwa *Schedule of Quantities Lot 3*, hemm specifikat fin-Notes to Volume 4 li –

*Daywork Schedule – A daywork schedule is to be provided by tenderer in the rare event that unforeseen works not convered byt the bill of quantites arise."*

Is-socjeta attrici tghid illi hija ma ssottomettiex l-iskeda ghaliex ma kienx hemm s-sitwazzjoni li jkun hemm xogholijiet mhux kkontemplati. Izda dan huwa argument fjakk ghaliex huwa car li t-*tender* kien qed jirrikjedi li jkun hemm din l-iskeda fl-eventwalita` futura li meta jkunu ghaddejin ix-xogholijiet, ikun hemm din it-tip ta'

sitwazzjoni. Ma setax ikun hemm din is-sitwazzjoni qabel ma jibda x-xoghol.

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-Bord ta` l-Appelli dwar Kuntratti Pubblici ta ragunijiet bizzejjed u motivati ghala wasal ghad-decizjoni finali li jichad l-appell. L-appell tas-socjeta attrici kien ibbazat fuq zewg aggravji kif qalet hija stess (ara fol 202). Ghax iz-zewg aggravji kienu michuda, il-konsegwenza kienet li l-Bord jaghti decizjoni fejn jirrakkomanda li ebda parti tad-depozitu ma jigi rifuz. Oltre l-motivazzjonijiet li ta biex jichad l-appell, il-Bord ma kienx tenut li jaghti aktar ragunijiet biex jghid ghaliex kien qed jiddeciedi li ebda parti mid-depozitu ma jinghata lura ; *del resto* lanqas l-Art 223 tal-Kap 12 ma jobbliga lill-qrati ordinarji sabiex ragunijiet specifici meta jiddeciedu dwar l-ispejjez gudizzjarji, ragunijiet li jkunu separati mill-konsiderazzjonijiet li jimmotivaw is-sentenza. Fl-assjem tac-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti mhijiex qeghda tirriskontra attenwanti li kellhom jidderiegu lill-Bord biex jiddeciedi xort`ohra dwar id-depozitu. Ladarba kien michud l-appell fil-mertu, kien deciz li ma jkunx rifuz id-depozitu.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tichad l-eccezzjoni markata 1(i).**

**Tilqa` l-eccezzjoni markata 1(ii).**

**Tilqa` l-eccezzjoni l-ohra.**

**Tichad it-talbiet attrici.**

**Tordna lis-socjeta` attrici sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------